***-PRESKRIZZJONI – ART 2148 (B) – KAP. 16-***

***- BEJGH BL-IMNUT JEW BL-INGROSSA –***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Novembru, 2001**

**Kawza Numru: 25**
**Citazzjoni Numru: 1393/96/RCP**

**Carmel sive Charles Attard u John Attard ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Attard Brothers.**

**vs**

**Saviour Vella.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-atturi nomine bieghu lill-konvenut diversi attrezzaturi in konnessjoni mal-gestjoni ta' *nightspot* jew *disco* illi gew debitament konsenjati u installati, kif ukoll taw servizz ta' installazzjoni fid-*disco* gestit mill-konvenut u l-konvenut wara li hallas xi ammonti issa baqghlu ihallas bilanc ta' tmien mija u hmistax-il lira (Lm815), liema bilanc huwa ma hallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet.

Illi l-istess atturi nomine talbu li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi nomine is-somma ta' Lm815 ghar-ragunijiet indikati.

Bl-ispejjez komprizi tal-ittra interpellatorja tal-1 ta' Settembru 1995 u ittra ufficcjali tat-12 ta' Marzu 1996 u imghaxijiet kummercjali kontra l-konvenut illi huwa ingunt ghas-subbizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol.7 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhux il-legittimu kontradittur.

2. Illi fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni hija preskritta *ai termini* ta' l-**artikolu 2148 (b);**

3. Illi fi kwalunkwe kaz il-prezz gie sodisfatt.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol.7 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-4 ta' Frar, 1997; tas-6 ta' Ottubru, 1997 fejn xehed l-attur; tal-11 ta' Frar, 1998; tad-9 ta' Ottubru, 1998 fejn xehed in kontro-ezami; tad-29 ta' Ottubru, 1999 fejn xehed Maurice Attard. Dr. Joseph Azzopardi ddikjara li l-attur nomine m'ghandux aktar provi; tad-9 ta' Ottubru, 2000; tas-16 ta' Novembru, 2000; tas-7 ta' Frar, 2001 fejn xehdu Saviour Vella, Silvio Vella u John Attard; tal-21 ta' Marzu, 2001 fejn xehed il-konvenut Saviour Vella; tal-14 ta' Gunju, 2001 fejn xehed Joseph Baldacchino. Dr.Toni Abela ddikjara li m'ghandux provi aktar; u tal-25 ta' Ottubru, 2001 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru, 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. L-AZZJONI ODJERNA.

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-atturi nomine qed jitolbu l-hlas tas-somma ta' tmien mija u hmistax-il lira Maltija bilanc minn somma akbar rappresentanti diversi attrezzaturi in konnessjoni mal-gestjoni ta' "*nightspot*" jew "*disco*" illi gew konsenjati u nstallati, kif ukoll taw servizz ta' installazzjoni fid-"*disco*" gestit mill-konvenut li nonostante diversi nterpellazzjonijiet baqa' inadempjenti.

Illi l-konvenut min-naha tieghu eccepixxa illi huwa mhux il-legittimu kontradittur. Inoltre' jsostni li l-azzjoni hija preskritta *ai termini* ta' l-**artikolu 2148(b)**; u li fi kwalunkwe kaz il-prezz gie sodisfatt.

### B. PROVI PRODOTTI.

Illi fix-xhieda tieghu l-attur nomine **John Attard** ikkonferma l-ezatezza tad-dikjarazzjoni guramentata tieghu kif ukoll li s-somma hemm imsemmija ghadha dovuta lis-socjeta' Attard Brothers. Huwa esebixxa diversi dokumenti. Qal ukoll illi x-xoghol kollu in konnessjoni man-"*Now Disco"* sar fuq inkarigu tal-konvenut personalment kemm in kwantu ghas-servizz ta' installazzjoni izda anki fir-rigward tal-bejgh ta' l-attrezzi konnessi ma' l-istess *disco*.

Il-konsenji lill-konvenut kienu jsiru permezz ta' l-impjegati tas-socjeta'. Fuq id-*delivery notes* esebiti a fol.14, 15, 16 u 24, tal-process hemm il-firem tal-persuni li rcevew il-konsenji. Inoltre' qal illi l-konvenut iffirma personalment hames *delivery notes* li fit-totalita' taghhom jaqbzu s-somma ta' Lm500 (a fol.17 sa 20 u 23 tal-process). Huwa qal illi jaf li l-konvenut kellu progett ta' *disco* ma' certu Joe Baldacchino li ghamel xi ordnijiet ukoll.

Illi mill-*invioces* relattivi jirrizulta li gew ikkonsenjati is-segwenti oggetti:-

| | | | |
|---|---|---|---|
| (a) Dok. "1" | - | Stanton Slipmat (2). | Lm 11.90,0. |
| | - | Stanton Triple Pack (1). | Lm 21.95.0. |
| (b) Dok. "2" | - | Stanton Triple Pack (1). | Lm 43.80.0. |
| (c) Dok. "3" | - | SDL 016. | Lm132.00.0. |
| (d) Dok. "4" | - | Smoke Fluid 50 Litres (1). | Lm126.00.0. |
| (e) Dok. "5" | - | Smoke Fluid 50 litres | Lm126.00.0. |
| (f) Dok. "6" | - | Flood Light. | Lm .94.0. |
| | - | Targetti Lamp. | Lm 1.98.0. |
| | - | Repairs on smoke mach, | Lm 2.00.0. |
| | - | Famos Extractor. | Lm 26.88.0. |
| (g) Dok. "7" | - | Fumes Extractor Jan12 I. | Lm 2.00.0. |
| | - | 1 Eur. 50. | Lm .94.0. |
| | - | 1 tar 987. | Lm 1.98.0. |
| (h) Dok. "8" | - | Antryonics Magastore. | Lm225.00.0. |
| | - | Light Flower. | Lm 97.00.0. |
| | - | Spider wire. | Lm 2.00.0. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | - Extension Male Open. | Lm | 5.90.0. |
| | - Labour to install above. | Lm | 35.00.0. |
| (i) Dok. “10” - | 5 Litres Smoke Fluid. | Lm | 15.75.0. |
| (j) Dok. “11” - | 5 Litres Smoke Fluid. | Lm | 15.75.0. |

Total……………………………………….Lm 910.77.0.

Illi d-dati tal-istess *invioces* huma 16, 21, 23, 26 ta’ Ottubru 1992, 16, 26, 31 ta’ Dicembru 1992, 9 ta’ Jannar 1993, u 8 ta’ Marzu 1993.

Illi in kontro-ezami sostna li mill-flus ma thallsu xejn. Qal illi lil Joe Baldacchino jafu u li kien hemm xi ftehim ma’ Vella illi huma ma kienux jafu x’inhu. Darba dan Baldacchino mar il-Marbelt u qalilhom li xtaq jaghmel xi haga ma’ Vella u baghthom ikellmuh. Sussegwentement Maurice Attard, impjegat mas-socjeta’, mar ikellem fil-post lil Vella li min-naha tieghu mar diversi drabi l-ufficcju taghhom sabiex jiffinalizzaw l-affarijiet. Lil dan Baldacchino ma rawhx aktar. Inoltre’ qal illi x-xoghol in kwistjoni baghtuh fil-post f’erba’ darbiet.

Xehed ukoll **Maurice Attard** li jigi t-tifel tal-attur *nomine* John Attard. Huwa qal illi ghamel zmien impjegat mas-socjeta’ attrici u kien anki jaghmel parti mill-*managerial staff.* F’Mejju 1995 spicca minn dan l-impjieg. Fost id-doveri tieghu kellu li jaghmel xoghol iehor barra dak tal-ufficcju bhal dak fil-kaz tal-konvenut. Huwa ftakar li kien mar ikellmu Joe Baldacchino illi kellu bhala socju mieghu lill-

konvenut. Dan Baldacchino qal lix-xhud biex imur ikellem lill-konvenut fin-"*night spot*" jew "*disco*" in kwistjoni biex jara x'kellu bzonn li jsir. In-negozjati saru l-ewwel darba fittex lill-konvenut u drabi ohra mar fil-post tas-socjeta' attrici. Wara li saru diversi nkontri, il-konvenut ghamel ordni sabiex is-socjeta' attrici tissuplixxi apparat ta' dwal. Meta sar dan l-ordni mar hu personalment b'apparat tad-dawl "*strobe scope*" kif ukoll b'tip ta' dawl iehor maghruf bhala "*light flower*". Hu u l-lavranti marru fuq il-post u nstallaw z-zewg apparati fid-*disco* u x-xhud baqa' mal-konvenut li kellu jhallihomlu biex hu jkun jista' jara liema kien l-ahjar u b'hekk kellu jaghzel wiehed minnhom. Il-konvenut iddecieda li jzommhom it-tnejn u hareg l-"*invoice*" a fol.21 tal-process.

Illi in kontro-ezami qal illi lil Joe Baldacchino kien iltaqa' mieghu biss dik id-darba meta qallu biex imur ikellem lill-konvenut. *Di piu'* meta kkonsenja l-apparat in kwistjoni Baldacchino ma kienx prezenti.

Illi **Saviour Vella** spjega li ghall-ahhar ta' l-1991 ircieva telefonata minghand Joe Baldacchino minn *Smash Radio*. Dan qallu li xtaq jibda jittrasmetti mid-diskoteka tieghu fir-Rabat bil-patt li ried jizbogh u jnaddaf. Huwa kellu jiehu n-nies u kif kien ser igibhom kienet affari tieghu. Darba minnhom waslu xi affarijiet minghand tal-*Marbelt* u hu kien informa lil Baldacchino b'dan peress li tal-Marbelt qalulu li baghthom hu stess. Meta mar Baldacchino staqsieh

x'kienu l-affarijiet u huwa qallu biex ma jaghtix kaz ghax kien irranga maghhom biex jithallsu r-riklami li jsiru fuq Smash Radio. Wara xi hames xhur Baldacchino telaq u ma rahx izjed u dan wara li talbu tlett mitt lira. Dan sar quddiem il-familja tax-xhud. Minhabba li l-affarijiet ma kienux taghhom poggewhom fil-garaxx. Wara xi tlett snin ircieva kont minghand tal-Marbelt u mill-ewwel infurmahom li ma kellux x'jaqsam maghhom u li Joe Baldacchino qallu li l-hlas kellu jsir permezz tar-reklami bejn Smash Radio u Marbelt. Wara ftit rega' rcieva l-kont u kien cemplilhom li l-affarijiet kienu merfughin ghandu u setghu jmorru ghalihom. Huwa baqa' jsostni li qatt ma xtara xejn u nnega li qatt kellem lil Maurice Attard.L-istess xhud kompla li l-ftehim kien li jgib in-nies tieghu id-"*disco*" u li peress li kien fuq il-post meta waslu l-affarijiet hu ffirma li waslu ghalkemm ma kellux x'jaqsam. Huwa qal li qatt ma mar fuq il-post u qatt ma hallas lil hadd.

Illi in kontro-ezami qal li hu kien shab ma' Baldacchino fl-entratura u l-bar. Qabel li x-xoghol sar fid-diskoteka tieghu u li hu kien iffirma meta waslu l-affarijiet. Illi hu qal li Baldacchino telaq wara hames xhur pero' la ffirma *invoices* huwa sinjal li l-istess affarijiet waslu meta kien hemm Baldacchino. Ix-xhud qal li qatt ma mar ghand Maurice Attard pero' gieli mar fuq il-post u kienu l-lavranti tieghu li hadu l-affarijiet.

Illi sussegwentement xehed illi fid-dokumenti esebiti hemm xi firem mhux tieghu; kif ukoll hemm wahda ta' Joe Baldacchino. Inoltre' spjega li kien ha zball meta semma' erba'/hames xhur izda baqa' jsostni li wara li telaq Baldacchino m'ghamilhiex aktar ma' dawn in-nies hlief ghal meta xtara erba' bozoz li kienu jiswew Lm12.

Xehed ukoll **Silvio Vella** li kkonferma li Joe Baldacchino u missieru kienu f'*partnership* bejn erba' jew hames xhur. Huwa kien prezenti meta sar il-ftehim li hu kellu jgibilhom in-nies u l-hlas taghhom mieghu kellu jkun ta' 50% fuq l-entratura u l-bar. Huwa qalilhom li kellu jiehu xi affarijiet ohra u huma ma kellhomx problemi ta' hlas minhabba li l-affarijiet kienu se jithallsu lura bir-reklami tar-radio. Hu qatt m'ghamel xi ordni u b'hekk m'ghamel l-ebda hlas. L-apparat gie nstallat minn xi impjegati tal-Marbelt. Il-ftehim dam bejn erba'/hames xhur. Meta gew dawn id-dwal kienu prezenti huwa u hutu; u kien iffirma ghalihom xi hadd minn hutu.

Illi **Joseph Baldacchino** xehed li n-natura tan-negozju li kellu mal-konvenut Vella kien li jaghmlu diskoteka r-Rabat li semmewh "*Now*". Rigward l-apparat qal li parti kien tieghu u parti tal-konvenut. Bhala *sound* kien tax-xhud u bhala dawl kien tal-konvenut. Inoltre' qal li huwa m'ordna xejn minghand il-Marbelt. Qal ukoll li f'dan il-kaz ma kellux impjegati mieghu. Hu ghamel xi tlett xhur imbaghad waqfu ghax kien hemm diskoteka ohra. Baqa' jinsisti li ma kien

hemm l-ebda trattativi fuq dan il-kaz u ma rcieviex ricevuta. Id-dokument esebit a fol.24 tal-process jirrigwarda landa zejt biex jaghmel id-duhhan waqt id-diskoteka izda dak mhux apparat, allura seta' jiffirma ghalih. Qal ukoll li hu wahhal l-apparat tieghu bhala *sound* u regghu haduh lura.

**C. <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

**<u>(i). L-EWWEL ECCEZZJONI</u>**

Illi l-konvenut eccepixxa li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhux il-legittimu kontradittur.

Illi mill-provi prodotti rrizulta li l-konvenut Saviour Vella ffirma ghal diversi *invoices* li waslu fin-"*Now Disco"* (minn fol.17 sa fol.23 tal-process). Inoltre' mix-xhieda ta' Maurice Attard irrizulta li t-trattativi dejjem saru mal-konvenut mentri Joe Baldacchino kien biss il-persuna li rreferiet lill-konvenut ghand is-socjeta' attrici. Illi dwar dan il-punt ta' xhieda, Maurice Attard huwa kategoriku u spjega fid-dettal kif mar ikellem lill-konvenut, u l-konvenut innifsu kien imur il-hanut tas-socjeta' attrici u kif gie konkluz l-ftehim ghall-fornitura mis-socjeta' attrici lill-konvenut tad-diversi oggetti fuq elenkati. Dan huwa ikkorroborat mill-fatt li l-istess oggetti gew ikkonsenjati lill-konvenut, kemm tramite l-impjegati tieghu u kif ukoll lill-konvenut innifsu, tant li jidher li l-istess konvenut innifsu iffirma diversi drabi fuq l-*invoices* relattivi.

Illi min-naha l-ohra hija ferm inverosimili l-versjoni li ta l-konvenut fl-affidavit tieghu u dan anke ghaliex wara li Baldacchino waqqaf l-assocjazzjoni li kellu mal-konvenut, huwa ffirma *invoices* tal-apparat li gie fil-fatt ikkonsenjat lilu, fil-fond minnu gestit u ukoll lill-impjegati tieghu, u dan apparti ix-xhieda ta' Maurice Attard, li tindika lill-persuna tal-konvenut, bhala l-unika persuna li maghha sar in-negozju dwar l-oggetti mertu tal-kawza odjerna.

Illi apparti dan il-konvenut innifsu stqarr li Baldacchino kien kellmu fl-ahhar tan-1991 u telaq wara ftit xhur, u ghalhekk minn dan isegwi li meta l-istess konvenut iffirma personalment ghall-*invoices* ta' apparat li wasal ghandu u gie ghalhekk ikkonsenjat lilu, dan sar wara li Baldacchino abbanduna kull tip ta' relazzjoni li setgha kellu mal-konvenut, li ovvjament iwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzzjoni li mhux talli l-konvenut ma kellux x'jaqsam mal-ordni taghhom izda talli kien jaf bihom ghax kien ordnahom huwa, u dan fil-mument li *ex admissis* il-konvenut kien ittermina kull xorta ta' relazzjoni mal-istess Joseph Baldacchino minnu nominat.

Illi fl-ahharnett Joseph Baldacchino fix-xhieda tieghu baqa' jsostni li huwa m'ordna l-ebda apparat bhal dak mertu tal-kawza odjerna minghand is-socjeta' attrici stante li hu wahhal l-apparat tieghu tas-*sound,* mentri l-konvenut kellu l-apparat tad-dawl, li ovvjament minn din il-kawza jidher li

kien inxtara minghand is-socjeta' attrici, u fil-fatt huwa il-mertu tal-azzjoni attrici. Fil-fatt l-istess xhud kategorikament sostna li huwa ma wahhal ebda apparat gdid, u l-unika apparat gdid li kien hemm sar mill-konvenut, tant li meta spiccat l-assocjazzjoni ta bejnu u l-konvenut, huwa ha l-apparat tieghu kollu lura, u halla biss fil-post apparat tal-konvenut, parti minnu oggett tal-kawza odjerna. Illi huwa sinfikanti f'dan il-kuntest li dan ix-xhud gie prodott mill-konvenut, u l-istess xhud ikkontradixxa bl-iktar mod skjet ix-xhieda tal-istess konvenut, tant li, apparti l-konsiderazzjonijiet kollha fuq indikati, irrenda l-istess xhieda u versjoni tal-konvenut ghal kollox inattendibbli.

Illi ghalhekk abbazi tal-istess jidher car li gie ppruvat mis-socjeta' attrici li l-apparat *de quo* inxtara minghand is-socjeta' attrici mill-istess konvenut, li ordna personalment l-istess apparat, li gie kkonsenjat lilu kif pattwiet fil-fond minnu indikat u gestit, u l-konsenja effettiva saret lilu personalment kif ukoll *ex admissis* lill-impjegati tieghu, li accettaw ilkoll l-istess xoghol u wkoll ghamlu uzu minnu ghall-iskopijiet li ghalih inxtara, u ghalhekk jirrizulta car li l-istess konvenut ghandu obbligu li jhallas ghall-istess oggetti minnu mixtrija minghand is-socjeta' attrici u ghalhekk huwa l-legittimu kontradittur ghall-azzjoni attrici.

Illi f'dan il-kuntest xejn ma jiswa l-argument tal-konvenut li dawn l-affarijiet qeghdin go garaxx u d-ditta attrici tista' tmur tiehu l-affarijiet lura peress li hu jsostni li m'humiex

tieghu, stante li abbazi tar-relazzjoni ta' bejgh u xiri ezistenti bejnu u s-socjeta' attrici, huwa utilizza l-istess oggetti bhala proprjetarju tal-istess, u ghalhekk huwa ghalih li jiddeciedi x'jaghmel jew kif juza l-istess oggetti, u is-socjeta' attrici ma ghandha ebda obbligu li tiehu l-istess affarijiet lura, ghaliex issa jidher li l-konvenut ma ghandux bzonnhom izjed.

Illi minhabba dak premess jirrizulta li l-konvenut ma rnexxielux jipprova l-allegazzjonjiet tieghu, anzi mill-provi jirrizulta proprju l-kuntrarju, ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi michuda stante li huwa l-legittimu kontradittur tas-socjeta' attrici.

**(ii) . IT-TIENI ECCEZZJONI**

Illi l-konvenut eccepixxa wkoll illi l-azzjoni hija preskritta *ai termini* ta' l-**artikolu 2148(b).**

Illi l-**artikolu 2148 (b)** jghid dan li gej:

*"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar:*

*(b) l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija,oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut;* "

Illi jinghad li din il-preskrizzjoni kontemplata taht is-subartikolu (b) tal-precitat artikolu tal-ligi biss ghall-merkanzija mibjugha bl-imnut jew "*per dettaglio*" u mhux meta din tinbiegh "*wholesale*", cioe' bl-ingrossa, bhalma jidher li kien il-kaz prezenti, dan peress li jidher car li mill-oggetti fuq elenkati jidher li l-istess konvenut xtara kwantita' ta' oggetti sabiex huwa jattrezza l-fond tieghu b'apparat tad-dwal, fosthom kwantita' konsiderevoli ta' *sound fluid,* u numru sostanzjali ta' oggetti relattati mal-istess attrezzatura tad-diskoteka minnu gestita.

Illi infatti fis-sentenza **"Dr. Thomas Abela noe vs Saviour Camilleri"** (P.A. (FGC) deciza fit-8 ta' Mejju, 1998 Cit. Nru: 802/97/FGC) intqal:-

*"Il-Qrati taghna stabbilew illi l-kriterju distintiv fondamentali tal-bejgh bl-ingrossa u ta' dak bl-imnut fil-fatt jirrisjedi fil-kwantitattiv mibjugh – kriterju li huwa essenzjalment relattiv u, fir-rigward tal-artikolu 2148 (b), il-ligi taghna tipprexindi mill-kwalita' tal-persuni u thares biss lejn il-bejgh fih innifsu li hi tirrikjedi li jkun bl-imnut. Inoltre', gie deciz ukoll illi n-natura ta' bejgh bl-ingrossa ma tikkonvertix ruhha f'bejgh bl-imnut minhabba li l-konsenja tal-oggetti ma sirx f'daqqa, imma huwa n-negozju globali li jiddetermina taht liema kategorija ghandu jigi klassifikat il-bejgh (ara App.Kum. "**Adrian Strickland noe vs Anthony Sammut",** dec. 3 ta' Gunju 1975 u s-sentenzi hemm citati).*

*Illi hekk per ezempju, l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha "Scerri vs Pace Axiaq", deciza fil-25.06.75, ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u rriteniet li l-prezz ta' Lm31.25 li kien qieghed jintalab bi hlas ta' merkanzija mibjugha u konsenjata kien indikatur li kienet inbieghet kwantita' ingenti u, ghalhekk, il-bejgh ma kienx bl-imnut u, kwindi, l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar ma kienitx applikabbli.*

*Hekk ukoll l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza gja citata "Strickland vs Sammut", fejn il-hlas mitlub kien ghas-somma ta' Lm188.50 bhala prezz ta' aperturi tal-hadid mibjugha u konsenjati, rriteniet li l-bejgh kien bl-ingrossa ghaliex il-kriterju distintiv fondamentali tal-bejgh bl-ingrossa u ta' dak bl-imnut fil-fatt jinsab fil-kwantitattiv mibjugh. Similment l-istess Qorti, fis-sentenza "Giuseppe Borg vs Avv Dr Giovanni Bonello et noe et", deciza fit-22.06.70, irriteniet li l-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 ma kienitx applikabbli ghal kaz tas-somma ta' Lm131.6 bhala prezz ta' gwiez billi rriteniet li l-bejgh kien ta' kwantita' ingenti u, ghalhekk, bl-ingrossa (ara wkoll Vol.X111.294; XX1.1.406)."*

Illi fis-sentenza **"Emmanuele Micallef et vs Francis Mercieca"** (A.K. 26 ta' Mejju 1967 – LI.i.606) inghad li f'din il-materja il-ligi taghna ma issegwiex l-ligi Taljana u Franciza, stante li l-istess ligijiet jibbazaw id-distinzjoni taghhom fuq debiti dovuti lill-kummercjanti ghall-merkanzija

minnhom mibjugha *"a persone che non fanno commercio"* jew ghall-*"particuliers non marchands", cjoe' "persuni li ma jinnegozjawx fil-merkanzija mixtrija".* Fil-kaz tal-ordinament guridiku Malti, id-distinzjoni trid issir abbazi tan-natura ta' bejgh, u cjoe' jekk dan huwiex bl-imnut jew bl-ingrossa u dan abbazi tal-insenjamenti fis-sentenzi **"Giovanni Attard vs Aurelio Refalo"** (A.K. 15 ta' Novembru 1892 – XIII.294) u **"Carmelo Fenech vs Emmanuel Galea"** (A.K. 17 ta' Jannar 1912 – XXI.i.406.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Giuseppe Borg vs Dr. Giovanni Bonello et nomine"** (A.C. (A.M.) 26 ta' Gunju 1970) in konformita' mas-sentenzi fuq citati sostniet u affermat is-segwenti:-

*"Il-kwistjoni distintiva fondamentali tal-bejgh bl-ingrossa u dak bl-imnut …. Jidher li fil-fatt jirresjedi fil-kwantitattiva mibjugh. Jekk il-kwantitattiv tal-partita jkun, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u anke mizurat mill-bzonn tax-xerrej, zghir, allura l-bejgh ikun fid-dettall".*

Illi tal-istess portata huma is-sentenzi **"Giovanni Tabone vs Giuseppe Busuttil"** (K. (R.F.G.) 20 ta' Frar 1931 – XXVIII.iii.700), **"Giuseppi Xuereb vs Vincenzo Calleja"** (K. (S.S. 10 ta' Dicembru 1942 – XXXI.iii.235) **"George Debono vs Carmelo Abela"** (A.K. (JJ.C) 4 ta' April 1977 u **"John Cini vs Rita Camilleri"** (K. (G.S) 26 ta' Gunju 1979 ikkonfermat fl-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' Lulju

1982) fejn f'dawn is-sentenzi kollha gew applikati il-principji fuq enuncjati fejn il-fattur determinanti fil-kwistjoni dwar l-applikabbilita' tal-**artikolu 2148 (b)** jew l-**artikolu 2156 (f)** huwa dejjem li *"si deve vedere se trattasi di operazzione all' ingorsso od al minuto"* u f'dan il-kuntest jista' jkun relevanti x'uzu ser issir minnu mill-konvenut, bhal per ezempju ghan-negozju tieghu ghalkemm din ma hijiex waheda determinati, u dan ghaliex kif sostnut fis-sentenza **"Gio Maria Camilleri vs Dr. Rene' A. Cremona"** (K. (T.G) 4 ta' Gunju 1963) – XLVII.iii.1134) dejjem jista' l-principju li:-

*"Il-ligi ghall-finijiet ta' din l-preskrizzjoni ma zzomm l-ebda rigward tal-professjoni abitwali sia tal-grossista sia tal-imnutant imma tikkonsidra biss il-vendita` fiha nfisha u kwantitattiva tal-merci fornita indipendentement mill-prezz".*

Illi din il-Qorti, fuq l-iskorta ta' din il-gurisprudenza tikkonkludi li fil-kaz odjern, il-kwantitattiv tal-merkanzija in kwistjoni u specjalment ta' *l-istanton triple pack u smoke fluid* jindika li l-bejgh kien bl-ingrossa u mhux bl-imnut u, b'hekk, l-eccepita preskrizzjoni mhiex applikabbli.

Illi dan qed jinghad apparti l-fatt li jidher li l-konvenut personalment u tramite l-impjegati tieghu iffirmaw ghall-istess u diversi konsenji u skond l-insenjament fis-sentenza **"Adrian Strickland nomine vs Anthony Sammut"** (A.K. 3 ta' Gunju 1975) *"illi n-natura ta' bejgh bl-ingrossa ma*

*tikkonvertix ruhha f'bejgh bl-imnut minhabba l-fatt illi l-konsenja tal-oggetti ma ssirx f'daqqa, imma huwa n-negozju globali li jiddetermina taht liema kategorija ghandu jigi kklassifikat il-bejgh".*

Illi abbazi dan kollu jirrizulta mill-provi prodotti li l-konvenut ftiehem mas-socjeta' attrici sabiex tforni lilu dak kollu li kellu bzonn sabiex jaghmel apparat tal-elettriku gdid fid-diskoteka li huwa f'dak iz-zmien kien qed igestixxi, liema fornitura kienet attwalment tikkonsisti f'diversi accessorji tad-dwal inkluz fornitura ta' *smoke fluid,* kwanita' konsiderevoli ta' bozoz (fol. 16) u *stanton triple packs* (fol.14 u 15), li mill-kwantita' ordnati jirrizulta li l-bejgh tal-istess oggetti sar bl-ingrossa, u dan apparti l-fatt li dawn l-istess oggetti gew utilizzati mill-konvenut, u hekk kienu intenzjonati li jigu uzati ghall-skop ta' tmexxija tad-*disco* tieghu jew imexxi minnu, liema konsenja kienet kontinwa ghall-perjodu sakemm l-istess konvenut mexxa l-istess progett.

Illi dan kollu iwassal ghall-konkluzzjoni li tali bejgh kien wiehed bl-ingrossa u ghalhekk il-preskrizzjoni citata mill-konvenut ma hijiex applikabbli ghall-kaz *de quo;* dan apparti l-fatt li l-azzjoni attrici saret ukoll ghall-prezz ta' servizzi resi mill-istess socjeta' attrici ghall-istalazzjoni tal-istess *disco* li certament u wkoll ma tinkwadrax ruhha taht l-istess disposizzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-tieni eccezzjoni tal-konvenut fejn ecceppixxa li l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 2148 (b) tal-Kap 16** qed tigi michuda wkoll.

**(iii) IT-TIELET ECCEZZJONI.**

Illi f'din l-eccezzjoni l-konvenut qed isostni li *'fi kwalunkwe kaz il-prezz gie sodisfatt'* pero' in sostenn tal-istess l-istess konvenut ma ressaq ebda provi kwalunkwe, anzi huwa sostna li fil-fatt huwa qatt ma hallas xejn, u ghalhekk anke din l-eccezzjoni ghandha tigi respinta, stante li ma gietx ippruvata mill-konvenut.

Illi min-naha l-ohra is-socjeta' attrici kkonfermat tramite r-rappresentanti taghha w ix-xhieda minnha prodotti li tali ammont imsemmi fic-citazzjoni attrici ghadu kollu dovut. B'hekk anki tali eccezzjoni ghandha tigi michuda.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut inkluz dik relattiva ghall-preskrizzjoni eccepita abbazi tal-**artikolu 2148 (b) tal-Kap 16** stante li huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talba attrici**, b'dan illi :-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi nomine s-somma ta' tmien mija u hmistax il-lira Maltin (Lm815) ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni attrici bhala bilanc minn somma akbar rappresentanti prezz ta' diversi attrezzaturi in konnessjoni mal-gestjoni ta' *nightspot* jew *disco,* li gew debitament konsenjati w installati, kif ukoll taw servizz ta' installazzjoni fid-*disco* gestit mill-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi tal-ittra interpellatorja tal-1 ta' Settembru 1995 u tal-ittra ufficcjali tat-12 ta' Marzu 1996 u imghaxijiet kummercjali mill-ittra ufficcjali tat-12 ta' Marzu 1996 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Novembru, 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Novembru, 2001.**